# Vandalizmu

*(Essay ta' Dun Frans Camilleri)*

Il-Vandali kienu nies mir-razza tat-Tewtoni li fis-seklu ħamsa niżlu f'ħafna pajjiżi ta' l-Ewropa u ħarbtuhom minn fuq s'isfel bil-monumenti u l-opri sbieħ ta' l-arti li kellhom u ħallew warajhom ħerba u qerda kullimkien. Wara Franza, Spanja u l-Italja, l-Afrika ta' Fuq ġarrbet ukoll il-qilla tal-Vandali li għall-ħruxija u l-ħsara li għamlu ġibdu l-mibegħda tal-ġnus kollha u għajb kbir fuqhom. Mill-isem tagħhom tnisslet il-kelma "Vandaliżmu" li daħlet fid-dizzjunarji kollha.

Dawk li kitbu l-Istorja ta' Malta ma jaslux biex jgħidu li l-Vandali kienu ġew żgur fil-Gżejjer tagħna. Forsi għaliex ma kinux sabu fostna ħsarat kbar biżżejjed li jippruvaw il-miġja u l-qagħda tagħhom qerrieda fostna. Iżda l-lum min jitħajjar jikteb l-Istorja ta' Malta jista' jieħu bħala argument u jgħid li l-Vandali ġew żgur hawn Malta għar-raġuni li fost it-tfal u ż-żgħażagħ tagħna ( fost xi kbar ukoll) għandna ħafna li għandhom l-istess tendenzi tagħhom għall-ħsara u għall-vendikazzjoni.

Imkien fid-dinja ma tara dawn il-ħsarat kollha li jsiru b'vendikazzjoni fil-proprjetà pubblika u privata li naraw fil-gżira ċkejkna tagħna fejn jista' jkollna kontroll kemm irridu biex dawn ma jsirux. Kull fejn timxi ssib il-marka tal-vandaliżmu; frieghi mqaċċtin bil-ħerra mis-siġar; balavostri u bibien tad-djar imxellfin b'vendikazzjoni; ħadid mgħaffeġ jew milwi fil-ġonna u postijiet pubbliċi; tiċpis biż-żebgħa, ġibs u lapsijiet kif ukoll brix fuq il-ħitan u l-bibien; *seats* tal-karozzi u tas-swali tat-*talkies* imċarrtin bil-mus, u kull ħsara oħra li jaf joħloq l-ispirtu ta' vandaliżmu li donnu magħġun mad-demm ta' ħafna mit-tfal u ż-żgħażagħ tagħna.

Imqar fis-serq li jsir f'pajjiżna, għalkemm dan id-delitt mhuwiex hekk spiss u ma jsirx hekk bil-goff daqskemm f'pajjiżi oħra, b'danakollu ħafna drabi jkun fih aktar spirtu ta' vendikazzjoni milli akkwist bl-istess serq. Kellna biżżejjed klikek ta' żgħażagħ, anki ta' l-iskola u minn familji puliti, li għamlu ħafna ħsarat u għarukażijiet flimkien mas-serq fid-djar u fil-ħwienet. Hawn min jasal biex iħarbat u jeqred biċċa xogħol sabiħa li swiet ħafna flus sempliċement biex jieħu minnha oġġett li tixtrih bi ftit flus. U mhumiex biss in-nies baxxi u bla skola li jagħmlu dan. Tistagħġeb kif f'xi każini u f'soċjetajiet li l-membri tagħhom tistenna minnhom edukazzjoni aqwa, isiru wkoll dawn il-ħsarat u dan is-serq ta' ħwejjeġ żgħar imma bi spirtu kbir ta' vendikazzjoni. Biex tifhem aħjar kemm dan hu nuqqas kbir, tinsiex li l-oġġetti li jinsterqu. huma kollha ħtiġiet li taħseb fihom is-soċjetà għall-ġid tal-membri stess. Aħseb u ara, mela, xi jsir mill-ħwej-

jeġ ta' kumdità għall-poplu li jkunu fil-beraħ, f'postijiet pubbliċi! Imbagħad il-gvern irid jiġbed it-turisti f'pajjiżna u fl-istess ħin iħalli din il-ħsara kollha ssir qisu ma ġara xejn.

Meta taħseb f'dan il-għemil ta' vandaliżmu li jsir hawn Malta, jiġi wkoll quddiem għajnejk dak in-nuqqas ta' rispett fit-tfal u fiż-żgħażagħ lejn ix-xjuħ u lejn l-immankati, il-fastidju li jtuħom u kull nuqqas ieħor ta' karità lejhom flok il-għajnuna li jistħoqqilhom. Dan hu spirtu ta' vandaliżmu mill-agħar, li jweġġa' l-qalb aktar milli jħassar il-ġid materjali. U tistagħġeb b'liema gost u sodisfazzjon jagħmluh! Dawn huma xeni koroh li narawhom f'pajjiżna biss, fejn kulħadd hu Kattoliku u niftaħru li għandna trobbija tajba minn familji li mhumiex imħassrin bħal ta' pajjiżi oħra. Donnu nuqqas hekk kbir ta' karità mhuwiex nuqqas bħad-diżonestà u l-vizzjijiet l-oħrajn!

Din l-imġiba ħażina tat-tfal tagħna max-xjuħ, ma' l-immankati u ma' dawk li ma jistgħux jiddefendu ruħhom, barra milli tirrifletti l-ispirtu ta' vendikazzjoni li għandhom, turi wkoll li huma vili, bla ħila u beżżiegħa. Hemm ħafna okkażjonijiet oħra ta' mġiba ħażina bħal din fit-tfal li turik il-qalb ħażina u l-viltà tagħhom. Ħafna tarahom jieħdu gost iħabbtu l-bibien u jċemplu l-qanpiena tad-djar u mbagħad jitilqu jiġru. Xi bravura fiha, hux! Imbagħad, imsejkna dik l-omm li qiegħda bit-tarbija u forsi trid tinżel it-taraġ biex tiftaħ il-bieb u tara min ġie.

Donnhom it-tfal u ż-żgħażagħ tagħna ma jafux isibu rikreazzjoni aħjar u b'xejn ma jieħdu gost aktar milli meta jagħtu fastidju, jiddieħqu bid-difetti fiżiċi, jinbxu lil kulħadd u jagħmlu ħsara kull fejn isibu. Lanqas aħna stess ma nafu kemm għadna lura fl-edukazzjoni u fil-karità Nisranija! Kieku nibdew nagħmlu xi ħaġa bis-serjetà biex insibu r-rimedju. Tisma' lil ħafna nies sewwa jilmintaw fuq dan l-ispirtu ta' vandaliżmu u ta' vendikazzjoni, iżda meta jiġu biex iwaqqfu din is-saħta ta' pajjiżna, jibdew jaqtgħu qalbhom. Il-gvern, speċjalment id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, imissu jieħu s-sitwazzjoni f'idejh u juża mezzi drastiċi. Hawn Malta għalhekk għandna ħafna abbużi u ħafna anomaliji u inġustizzi għaliex qatt ma kellna serjetà fl-amministrazzjoni tal-gvern. Il-pulizija jagħalqu għajn waħda, id-Dipartimenti jagħalquhom it-tnejn, u l-poplu miexi bil-għama! Din hi storja li jafha kulħadd u ilna nafuha.

Id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni ma jaqdix dmiru billi jieħu ħsieb biss iqassam is-syllabus għall-klassijiet, joħroġ il-pagi għat-teachers u jiddeċiedi meta huma l-granet ta' l-iskola u meta l-vaganzi. Dan id-Dipartiment jeħtieġ li jaħseb ukoll fl-edukazzjoni tal-kotra u b'mezzi diretti. Ħafna miż-żgħażagħ, mill-irġiel u n-nisa bilkemm laħqu messu mal-bankijiet ta' l-iskola u l-edukazzjoni li ma laħqux ħadu mill-klassijiet ma ħaduha minn imkien lanqas wara. Lil dawn

ukoll id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni għandu jilħaqhom b'kull mezz li jista! Għalhekk għandna l-Ministru ta' l-Edukazzjoni u d-Direttur ta' l-Edukazzjoni bl-istaff tiegħu barra mill-ħafna diretturi u head-teachers bl-istaff tagħhom fl-iskejjel.

Waqt li d-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni jrid jaħseb għall-edukazzjoni tal-moħħ u tal-qalb billi jxerred it-tagħlim u jqiegħed dejjem fil-għoli fil-għajnejn tal-poplu d-dinjità tal-bniedem u s-sentimenti sbieħ tal-qalb, min-naħa l-oħra d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, bil-kooperazzjoni ta' l-Uffiċċjali tat-Turiżmu, għandu jieħu ħsieb u jaħdem b'enerġija kbira biex il-postijiet pubbliċi jinżammu fl-ordni u fl-indafa. Pajjiż miżmum ħażin, imħarbat u żdingat, aktar iħajjar lil minn għandu spirtu ta' egoiżmu u vandaliżmu biex iħassar u jeqred. Ambjent maħmuġ u traskurat ma jħajrekx wisq tirrispettah. Sa issa l-ebda gvern li kellna ma wera ħeġġa u interess biżżejjed biex iżomm il-pajjiż kif jixraq u l-poplu baqa' sejjer dejjem għall-agħar. Kull fejn tara, toroq maqlugħin, ħafna drabi wara li jkunu għadhom kif tlestew. Dan juri li lanqas hemm koordinazzjoni bejn l-istess Dipartimenti tal-gvern. F'ħafna mill-postijiet pubbliċi u ċentrali tiltaqa' ma ġebel u mazzkan, li jibqgħu bħala *souvenir* ta' kull biċċa xogħol li jagħmel id-Dipartiment tal-gvern. Il-gvern imissu jagħti eżempju u mbagħad iwaħħal multi ibsin lil min juri dan l-ispirtu ta' vandaliżmu.

F'xi pajjiżi, għal ħafna mill-abbużi li jsiru, hemm multa stabilita li xi drabi titħallas malli wieħed jinqabad fl-abbuż. Fl-Italja min jinqabad jaqta' l-ward mill-ġonna pubbliċi jeħel il-multa minnufih. Anki fil-ġonna tagħna taqra t-twissija biex ma jaqtgħux ward, imma, għalkemm tara lil ħafna jgħaffġu u jħarbtu fil-ġonna, qatt ma tara pulizija jħarrek lil xi ħadd u lanqas qatt naqraw fil-gazzetti li xi ħadd weħel multa għalhekk. U ara kemm il-pulizija ċediet l-armi li issa, kull fejn ikun hemm il-ward, qegħdin idawruh bil-ħadid bix-xewk. Kieku l-gvern jistabilixxi multa għal kull għemil ta' vandaliżmu, bħal ma għamel għal kull min jidgħi, naħseb li naslu xi mkien. Imbasta l-pulizija jaqdu dmirhom sewwa.

Barra mill-gvern jistgħu u għandhom igħinu l-għaqdiet reliġjużi, soċjali u letterarji. Lit-tfal ngħallmuhom ma jkunux egoisti u nuruhom ir-responsabbiltà li għandhom fis-soċjetà. Inqiegħdu tajjeb quddiemhom id-dmir tar-rispett lil ħaddieħor u nfehmuhom kemm hi ħaġa baxxa li tweġġa' l-qalb ta' l-oħrajn, l-aktar ta' min ma jistax jiddefendi ruħu. Għadna nisimgħu l-proverbju li jgħid: *Iż-żgħar uġigħ ir-ras, il-kbar uġigħ il-qalb.* Imma bilfors li dan il-qawl għandu ħafna snin għaliex, bħalma jaf kulħadd, it-tfal tal-lum saru wkoll jinsolentawk u jweġġgħulek qalbek. Għalhekk hu aktar meħtieġ il-lum it-tagħlim u t-trobbija tajba. U t-tagħlim jiswa wkoll

lill-kbar, anki jekk il-proverbju jgħid li *Tagħlim fil-kbir, qris fil-ħmir.* Xi darba l-ħmar jista' jisma' u jagħmel passejn 'il quddiem.

Hemm ħaġa, fost oħrajn, li qiegħda tagħmel ħsara u tfixkel l-edukazzjoni tal-poplu u l-aktar taż-żgħar. Kemm sa ndumu naraw produzzjonijiet teatrali li jridu jiddieħqu u jirridikolaw id-difetti fiżiċi! Fejn hu l-iskop soċjali u edukativ li jagħtuna l-biċċa l-kbira tad-drammi u tal-kummiedji li qed jinkitbu u jinħadmu fis-swali tagħna? Dnub li daż-żmien, hawn Malta, aktar ma għandna bżonn ta' edukaturi tajbin, il-biċċa l-kbira tal-produzzjonijiet teatrali qegħdin joħorġu minn idejn nies bla skola, bla edukazzjoni jekk mhux ukoll bla karattru! L-għaqdiet letterarji jmisshom jieħdu xogħol bħal dan f'idejhom. Ħlief xogħlijiet tal-palk ta' awturi tajbin u ta' livell għoli m'għandhomx jintwerew lill-pubbliku. Huma l-aħjar kittieba, u mhux in-nies bla skola, li jistgħu jwasslu u jagħtu lin-nazzjon il-messaġġ tal-Ġmiel u tas-Sewwa. Ideat nobbli joħorġu minn qalb nobbli.

Mal-produzzjonijiet teatrali nsemmu wkoll ir-radjo-drammi li qegħdin jixxandru minn fuq ir-Rediffusion. Il-lum, bil-progress kbir li sar fit-teknika u fil-mezzi għat-trasmissjoni tal-kliem u tal-ħsejjes b'perfezzjoni hekk kbira, ir-Rediffusion sar arma qawwija għall-edukazzjoni u għar-rikreazzjoni tal-poplu tagħna. U ladarba ngħoddu lir-Rediffusion fost l-edukaturi ewlenin li għandna fil-Gżejjer tagħna, nistennew li kull ma jixxandar ikun tajjeb taħt kull aspett, anki jekk nafu li l-gosti ta' biċċa mill-poplu huma gosti stupidi jew tan-natura mħassra.

Nafu li qegħdin naħdmu u nitħabtu biex insibu l-fejqan għal ħafna mard soċjali li għandna f'pajjiżna, u għalhekk irridu nibdew u għandna nissugraw li għall-ewwel b'din il-ħidma tagħna ma ningħoġbux. Jekk il-gvern u kull min għandu x'jaqsam ma' l-edukazzjoni jaħdmu flimkien u jaqdu dmirhom bl-enerġija u bir-reqqa, il-poplu tagħna mhux biss jitgħallem iġib ruħu aħjar u jissaffa mill-ispirtu ta' vandaliżmu, imma jibda jħossu aktar imkabbar bil-ġieħ u bil-ġmiel ta' Malta tagħna u, flok ma jħassarhom u jċekkinhom, jagħmel minn kollox biex ikabbarhom.